**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 2126/97 AJM

Kawza numru 30

Godfrey Buhagiar

Vs

Malta Shipbuilding Company Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-16 ta' Settembru 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fl-10 ta' Awissu 1995 waqt li hu kien qed jahdem b'inkarigu tas-socjeta' konvenuta hu waqa' gholi ta' cirka sular u sofra danni kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi s-socjeta' konvenuta hi responsabbli ghal dan il-korriment li sofra l-attur u ghad-danni kollha konsegwenzjali peress li dan gar tort u jew negligenza u jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-istess socjeta' konvenuta; illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur izda baqghet inadempjenti; talab li din l-Qorti:-

1. tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta responsabbli ghall-korriment u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-attur fl-incident fuq riferit;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;
3. tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta’ Mejju 1997 kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta li permezz taghha eccepiet illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi s-socjeta’ eccipjenti ma hijiex responsabbli ghas-sinistru u ghall-allegati danni konsegwenzjali sofferti. Anzi strettament u in forza tal-ligi l-attur irid jipprova illi d-danni allegatament sofferti minnu saru b’att jew b’nuqqas tas-socjeta’ eccipjenti kif hekk cirkoskritt bl-artikolu 1033 tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta tal-11 ta’ Novembru 1998 li permezz tieghu gie mahtur Mr. Charles Grixti bhala espert mediku sabiex jirrelata dwar id-disabilita’ permanenti allegata mil-attur.

Rat id-digriet tal-istess data meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-10 ta’ Mejju 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat ir-rapport tal-espert mediku mahluf fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 1999.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Dicembru 1999 meta, fuq talba taz-zewg partijiet, gew mahtura il-periti perizjuri Prof Victor Griffiths, Mr Carmel Sciberras u Mr. Anthony Bernard.

Rat ir-rapport tal-istess esperti addizzjonali mahluf fid-19 ta' Gunju 2000.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tan-noti ta' sottomissjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-7 ta' Mejju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

L-attur kien impjegat bhala Material Marshaller mas-socjeta' konvenuta. Bhala parti mill-obbligi tieghu huwa kien jiehu hsieb li jissuplixxi lill-mastrudaxxi, impjegati mas-socjeta' konvenuta, bil-materjal li jkollhom bzonn ghall-ezekuzzjoni tax-xogholijiet 'in corso'. Li stores tas-socjeta' konvenuta maghrufa bhala Bajada Stores minn fejn l-attur, flimkien ma assistent tieghu, kien jmur biex jirtira dan il-materjal, kellhom bieb principali li generalment ma kienx jintuza billi dan kien jinsab fi stat hazin hafna u ma jinfetahx billi ggamjat. L-istores ghalhekk kienu jigu milhuqa tramite tarag mudlam u bla poggaman li, minn livel aktar baxx, kien jwassal ghal-livel tal-istores. L-attur gieli ghamel uzu

minn dan it-tarag ghalkemm kien hemm certa perikolu minhabba li kien jinsab fi dlam cappa u ma kellux poggaman.

Fl-10 ta' Awissu 1995 filwaqt li l-attur, akkompanjat minn Frankie Spagnol, kien tiela dan it-tarag huwa waqa u baqa niezel gholi sular b'rizultat li korra serjament u kellu jittiehed l-isptar u jassenti ruhu mix-xoghol ghal tul ta' zmien. Sussegwentement meta rega dahal ghax-xoghol l-attur gie "seconded" mac-Centru tal-Caritas fejn ghadu sal-lum.

Il-fatt li l-attur korra waqt ix-xoghol u c-cirkostanzi tal-istess incident ma humiex kontestati mis-socjeta' konvenuta, izda din qed tissottometti li hija ma ghandhiex tirrispondi ghall-akkadut u ghad-danni sofferti mill-atturi, jew ghal anqas mhux fit-totalita' taghhom, a bazi tal-principju 'volenti non fit injuria'. F'dan il-kuntest is-socjeta' konvenuta donna taccetta li l-ambjent tax-xoghol provdut minnha kien intrinsikament perikoluz minhabba l-assenza ta' dawl u poggaman. Izda qed jigi sottomess li l-attur qatt ma kellu jiehu r-riskju li jaccedi ghall-istores f'dawk ic-cirkostanzi u konsegwentement huwa assuma r-responsabbilita' ghall-akkadut meta 'ghaddas rasu' u uza dan l-access.

Din il-Qorti hija tal-fehema li ghandha ssir distinzjoni netta bejn l-obbligi ta' minn ihaddem u dawk ta' l-istess impjegat. Filwaqt li l-"employer" huwa tenut li jipprovdi "a safe system of work" kif ukoll "a safe place of work" sabiex jassigura li l-persuni li jkunu taht l-kontrol tieghu ma jsofru ebda incident waqt ix-xoghol, l-impjegat huwa obbligat li jobdi l-ordnijiet ta' min jhaddmu entro il-limiti tal-possbilli u li jaghmel dak kollu mehtieg sabiex jwarrab l-possibilita' ta' incident ghalieh u ghal dawk ta' madwaru. Dawn l-obbligi reciproci huma cirkoskritti bir-regola

tal-"bonus pater familias". Ghalhekk kull minn jonqos li josserva dan il-minimu ta' prudenza ghandu jsofri l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tieghu.

Issa fil-kaz in ezami ma hemmx dubbju li s-socjeta' konvenuta naqset bl-aktar mod sfaccat mill-obbligu taghha li tipprovdi "a safe place of work" ghall-impjegati taghha. Dan billi ma pprovditx access xieraq ghall-istores in kwistjoni u ppretendiet li l-impjegati taghha jaccedu minn access alternattiv konsistenti f'tarag bla poggaman u mudlam. In-nuqqas tal-istess socjeta' huwa izjed lampanti konsiderando l-fatt li kemm-l darba saru rapporti dwar il-htiega ta' dawl adegwat f'dan it-tarag u ma ttiehdet ebda azzjoni dwarhom.

Issa wara l-akkadut is-socjeta' konvenuta qedha tghid *'imma allura f'dawk ic-cirkostanzi l-attur qatt ma kien imissu rriskja'*. B'dana kollu l-istess socjeta' konvenuta ma tghidx x'azzjonijiet dixxiplinarji kienu jittiehdu kontra l-attur kieku dan ma marx jghaqdi xogholu u jgieb l-materjal mill-istores. In-nuqqas ta' azzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta fl-istallazzjoni ta' dawl adegwat fit-tarag wara rapporti li sarulha jista' jigi attribwit jew ghall-negligenza u nonkuranza ghas-sigurta tal-impjegati taghha jew li l-istess socjeta' hasset li l-ilment ma kienx gustifikat. Fiz-zewg kazi s-socjeta' konvenuta kienet fit-tort.

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens li l-attur assuma r-riskju. Hafna drabi l-impjegat huwa obbligat jaqdi dmiru f'ambjenti ftit li xejn rakkomandabbli u xorta jaghmel xogholu. Izda ma jfissirx li b'daqshekk hu jkun qed jaccetta r-responsabbilita' ghal dak li jista' jigrilu. Kull ma jfisser hu li l-impjegat jipprova jaqdi dmiru fic-cirkostanzi provduti lilu. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li

l-incident fuq imsemmi gara unikament tort tas-socjeta' konvenuta li naqset milli taqdi dmira skond il-ligi meta ma pprovditx post tax-xoghol sigur.

Ikkunsidrat:-

Dwar id-danni sofferti mill-attur jidher li jezistu certa fatturi bhal ma huma l-eta', in-natura tal-impieg, l-introitu u d-disabilita' sofferta li, skond gurisprudenza kostanti jistghu jwasslu lil din il-Qorti sabiex tezercita d-diskrezzjoni taghha f'dak li huwa likwidazzjoni ta' kumpens. Infatti jirrizulta li fid-data tal-incident l-attur ghad kellu biss wiehed u tlettin sena, sofra ksur f'xi irkikel tas-sinsla ta' dahru li ma jippermettulux jahdem fl-istess kariga li kellu qabel l-incident u li, skond l-esperti medici, id-dizabilita' permanenti, anke jekk in parti rizultanti minn element soggettiv, hija fi grad ta' sebgha fil-mija (7%). Dan ghal dak li jirrigwarda l-lucrum cessans ossia telf futur kawzat bl-incident.

Kemm dam nieqes mix-xoghol l-attur ma tilifx paga izda qed jirreklama telf iehor konsistenti f' "overtime" li ma dahhalx ghar-rimanenti parti tas-sena tal-incident. Dan l-ammont gie komputat minnu fis-somma ta' cirka LM660.

Is-socjeta' konvenuta qed tissottometti fir-rigward is-segwenti:-

a. li l-kumpens ghandu jirrifletti telf effettiv;
b. li l-'overtime allowance' ma ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tad-danni;
c. li kull ammont percepit mill-attur taht il-Personal Accident Policy ghandu jigi mnaqqas mill-ammont likwidat.

## A. Telf effettiv.

Din il-Qorti taqbel pjenament mal-osservazzjoni maghmula mid-difensur tas-socjeta' konvenuta meta qed jiddiskuti l-likwidazzjoni tal-kumepns li "ebda formula ma tissodisfa". Infatti jidher li l-Qrati taghna anke wara t-taghlim ta' "Butler vs Heard" f'okkazzjonijiet adottaw modi differenti biex jaslu ghal dak li trid il-ligi fl-artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. B'dana kollu jidher li fl-interess tal-uniformita' f'materja ta' danni s-sistema tal-hekk imsejjah "multiplier" sab rikonoxximent generali sew mill-qrati kif ukoll mill-klassi legali li generalment tikkonsulta fuq aspetti simili.

L-artikolu fuq imsemmi jiddistingwi bejn dawk id-danni reali, maghrufa bhala 'damnum emergens' li jistghu jigu facilment determinati bil-prezentata ta' ricevuti u dokumenti ohra relevanti u li jikkonsistu f'telf effettiv soffert, fi spejjes medici nkorsi bhala rizulta, u telf ta' paga jew qliegh iehor attwali. U dawk id-danni li l-parti milquta sejra tbati fil-futur minhabba dizabilita permanenti, totali jew parzjali. Dawn jissejhu 'lucrum cessans' li, minhabba l-imprevidibilita' taghhom stante li hadd ma jaf l-futur, gew sottomessi mill-gurisprudenza ghal certa regoli li jgiebu temperament fil-komputazzjoni sabiex kemm jista' jkun id-danneggant ma jigiex mghobbi bi pis akbar milli huwa gust li jbati.

Ghalhekk insiebu li minhabba "the chances and changes of life" d-danni futuri ma jigux komputati fuq firxa ta' snin li dak li jkun huwa mistenni li jibqa' haj, lanqas, f'certa cirkostanzi ma jintuza 'multiplier' ghall-perjodu kollu lavorattiv tal-parti interessata. Inoltre mill-ammont eventwalment likwidat tenut kont tal-eta', tal-introitu u tad-dizabilita ta' dak li jkun,

generalment jitnaqqas percentagg minhabba l-fatt li dawk id-danni ser jithallsu "in a lump sum" u mhux fuq firxa ta' snin. Ghalkemm tali komputazzjoni tista' ma titqies bhala perfetta jidher li din is-sistema generalment tipproduci rizultati sodisfacjenti.

## B. Overtime.

L-attur qed jippretendi b'titolu ta' damnum emergens l-hlas ta' somma li tirrapresenta "overtime" li huwa tilef kemm dam nieqes mix-xoghol. Qed jigi sottomess ukoll mill-attur li l-komputazzjoni tal-lucrum cessans ghandha tqies l-paga kollha inkluz d-dhul ghall-"overtime". Din it-talba u sottomissjoni qed jigu kkontestati mis-socjeta' konvenuta li ssostni li d-dhul mill-"overtime" mhuwiex prerogattiva tal-impjegat billi tali introitu jista' ma jirrizultax minhabba l-ezigenzi tax-xoghol. Inoltre qed jigi sottomess li fi kwalunkwe kaz kull "overtime" ma jistax jitkejjel b'introitu ta' impjegat iehor.

Fl-ewwel lok din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandha tinghata ebda somma ulterjuri ghall-telf ta' "overtime" semplicement billi kull ammont li ser jigi komputat favur l-attur ghall-lucrum cessans jibda jiddekorri mid-data tal-incident. Konsegwentement kull kalkolu jsir jiehu in konsiderazzjoni s-sitwazzjoni "finanzjarja" tal-attur f'dak il-mument. Il-Qorti izda ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens li l-"overtime" ma ghandux jittiehed in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tat-telf futur. Huwa minnu li tali introitu mhux garantit, izda jigi osservat li f'industrja bhal dik ta' ship building l-overtime hija pjuttost regola izjed milli eccezzjoni. Ghalhekk huwa gust li fil-kalkoli li jsiru wiehed jikkonsidra l-aspettativi kollha tad-danneggat. Wara kollox jidher li

impjegati fl-istess grad kellhom, mhux biss l-aspettativa izda dhul effettiv minn “overtime”.

**C. Personal Injury Insurance.**

Jirrizulta li fil-5 ta’ Awissu 1997 l-attur thallas is-somma ta’ LM1,923.25 minghand l-assikurazzjoni Bain Hogg Malta Limited “In respect of Permanent Total Disablement Benefit only.” Dan il-pagament, skond l-ircevuta a fol 46, sar “in full and final settlement and discharge of this claim on the above policy.”

Is-socjeta’ konvenuta qed isostni li tali pagament ghandu jitnaqqas minn kull ammont li jista jigi likwidat favur l-attur. Din il-Qorti ma taqbilx. Kull pagament li sar taht il-Personal Accident Policy huwa indipendenti minn kull hlas li jista’ jkun dovut taht l-hekk imsejha “employers liability”. Infatti l-pagament fuq imsemmi ma sarx in sodisfazzjoni tar-responsabbilita’ tal-employer ghall-akkadut. Kieku kien hekk dan kien jammonta ghall-ammissjoni ta’ responsabbilita. Il-pagament imsemmi sar biss in sodisfazzjoni ta’ polza li l-istess attur, bhala rizultat tal-impieg tieghu mas-socjeta’ konvenuta, seta’ kien qed jikkontribwixxi ghaliha.

Ikkunsidrat:-

Tenut kont tar-responsabbilita’ tas-socjeta’ konvenuta ghall-incident fuq imsemmi din il-Qorti issa sejra tillikwida d-danni dovuti lill-attur a bazi ta’ dak li inghad aktar il-fuq.

Jirrizulta li l-attur kellu wiehed u tletin sena meta gara l-incident. Jkun ghalhekk xieraq li d-danni jigu komputati fuq firxa ta’ hamsa u ghoxrin sena. Fid-data tal-incident kellu introitu ta’ cirka LM4800. Billi d-danni

ser jigu kalkolati fuq perjodu fil-futur huwa mistenni li din il-paga kienet tizdied. Ghalhekk ser tittiehed medja ta' LM5000. Id-dizabilita' ta' l-attur kif kalkolata mill-esperti medici tammonta ghall-7%. Jigi ghalhekk li d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghall-LM8,750 u billi l-ammont ser jithallas f'daqqa jkun xieraq li titnaqqas somma ekwivalenti ghall-20%. Jigi li l-ammont realment dovut lill-attur hu ta' LM7000.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara s-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-incident tal-10 ta' Awissu 1995 u ghad-danni sofferti mill-attur. Tillikwida l-istess danni fis-somma ta' seba' telef lira maltin (LM7,000) u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

Onor Imhallef Albert J. Magri